MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2010

Numru 452/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Agius)**

**Vs**

**Reno Azzopardi**

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Reno Azzopardi ta' 23 sena iben Paul u Carmen nee Briffa, imwieled tal-Pieta' fil-11 ta' Settembru 1984 u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 0457084 u joqgħod 99 Tal-Borg Street Paola

Akkużat talli

(a) fit-18 ta' Mejju 2008 għall-ħabta tal-17.05 fi Triq it-Tiġrija fil-marsa, ikkommetta serq ta' armar u mediċini taż-żweiemel liema serq huwa kwalifikat bil-vjolenza u bil-

valur li jeċċedi €232.94 iżda anqas minn €2329.38 għad-detriment ta' Paul D'Amato minn Ħal-Qormi;

(b) U aktar talli fl-istess data, ħin u ċirkostanzi, f'dawni l-Gżejjer, xjentement xtara jew laqa' għandu ħwejjeġ msiruqa, meħuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar Malta jew barra minn Malta jew xjentement b'kull mod ieħor li jkun indaħal biex ibigħhom jew imexxihom, liema oġġetti kienu ġejjin minn serq kwalifikat bil-vjolenza u bil-valur;

(ċ) U aktar talli fl-istess jum, lok u ċirkostanzi ikkawża ġrieħi ta' natura gravi fuq il-persuna tal-istess Paul Amato minn Ħal-Qormi u dan skond kif iċċertifika Dr Mark Rosso MD taċ-Ċnetru tas-Saħħa ta' Raħal Ġdid.

Rat l-atti kollha tal-proċess inklużi l-kunsensi tal-Avukat Ġenerali u tal-imputat sabiex dawn il-proċeduri jkunu sommarji, iċ-ċertifikat tat-twelid tal-imputat (4570 tal-1984), il-fedina penali tiegħu (fol 7 et), l-istqarrija tal-imputat (fol 15), il-current incident report a fol 24, Dok JG1 li huwa ċertifikat rilaxxjat miċ-Ċentru tas-Saħħa (fol 27), l-affidavit tat-Tabib Paul D'Amato (Dok JA 1) a fol 31.

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli Prosekutur u tal-abbli Difensur.

Ikkonsidrat

Il-fatti fil-qosor huma dawn. Fit-18 ta' Mejju 2008 għal xi 6.45pm, ċertu Paul D'Amato rraporta li meta mar fil-garaxx tiegħu fil-Marsa sab lil ċertu Reno Azzopardi jieħu l-affarijiet mill-garaxx. Huwa kien sab neqsin affarijiet li għandhom x'jaqsmu maż-żwiemel, liema affarijiet kellhom valur ta' €2296.77. Paul D'Amato staqsa lill-imputat x'kien għamel bl-affarijiet, l-imputat qabad u telaq bil-karozza. Wara reġa' ġie b'serrieq tal-ġebel u l-imputat attakka lil Paul Damato.

**L-Istqarrija tal-Imputat.**

Fl-20 ta' Mejju 2008, l-imputat kien stqarr li huwa kien kera garaxx minn għand Paul Damato. Iżda l-imputat ma kienx qed iħallas il-kera minħabba li l-imputat allega li Paul Damato kien ħadlu b'xi €3495 għasafar.

Paul Damato kien mar ikellem lill-imputat waqt lid an tal-aħħar kien fil-karozza. L-imputat ma kellmux minħabba li ġimagħtejn qabel l-imputat kien mar għalih bil-karozza. Paul Damato imbagħad akkużah li seraq il-kappestru taż-żwiemel u ta daqqa ta' ħarta lill-imputat. Dak il-ħin l-imptutat qabeż fuq in-naħa ta' wara tal-karozza, ġab serrieq tal-ġebel u xejru fid-direzzjoni ta' Paul Damato iżda ma laqtux. Paul Damato avviċina lill-imputat b'kanna waqt li mart l-imputat bdiet tgħajjat li fil-karozza kien hemm it-tifel biex ma jolqtux. Huwa ċempel lill-Pulizija għall-għajnuna. Dawn ċemplu lura u l-imputat qalilhom li l-ġlieda kienet spiċċat.

L-imputat innega li kien seraq b'madwar €2296.77 f'armar taż-żwiemel. L-imputat qal ukoll li kien daħal fil-garaxx bla ċwievet għaliex il-katnazz kien jinfetaħ. L-imputat kien daħal biss biex iġorr l-affarijiet.

WPS 220 Jeanette Grixti kkonfermat li Paul Damato kien għamel rapport dwar l-allegat serqa u dwar il-ġrieħi. Hija kienet qalet lil Paul Damato jmur iġib ċertifikat tat-tabib.

Minn Dok JG1, ċertifiakt rilaxxjat minn Dr Mark Rosso jirriżulta li Paul D'Amato kellu 'a puncture wound on the lateral aspect of the left eye' u ' A U-Shaped flap of skin present on the polman aspect of the proximal phalanx of the middle finger of the right hand.'

It-tabib iddeskriva l-offiżi bħala ħfief.

It-tabib irrepeta l-istess punti fl-affidavit li huwa għamel fis-26 ta' Mejju 2008 (fol 31).

PC 1286 Joe Bondin xehed li kien mar ċertu Paul Damato fl-Għassa tal-Hasmrun jgħid 'Ara xi ġrali!'. Minn idejh il-leminija kien ħiereġ ħafna demm u fuq għajnejh tax-xellug kellu qisha daqqa. Paul Damato kien allega li l-imputat kien tah daqqa ta' serrieq tal-ġebel. Paul Damato kellu ħafna demm nieżel minn għajnejh u għalhekk kienu bagħtu lil Paul Damato l-poliklinika.

Paul Damato xehed li kien sab lill-imputat faċċata tar-emissa (fol 36). Ir-remissa kienet magħluqa għaliex l-imputat kien fetaħha minn wara. Meta x-xhud daħal ġewwa sab kollox imqalleb. Imbagħad staqsa lill-imputat x'kien għamel bl-affarijiet u dawn qabad is-serrieq għax-xhud. (fol 37). L-imputat kien iħalli l-ħwejjeġ f'garaxx li kien tah ix-xhud u kultant l-imptutat kien imur u jieħu ftit ħwejjeġ u jħallihom hemm. L-imptutat ma kellux ċavetta tal-garaxx għax il-katnazz kien sgassat ukoll. Ix-hud spjega li kien iħalli l-affarijiet mhux fir-remissa iżda f'garaxx ieħor. L-imputat ma kellu x jn x'jaqsam mar-remissa. Ix-xhud kien talab lill-imputat jiftaħ il-bagoll biex ix-xhud ikun jista' jara l-affarijiet iżda l-imputat ħareġ is-serrieq u beda jxejjer bih. (fol 38). L-imptutat beda tiela' u nieżel bil-karozza biex itajjar lix-xhud.

L-imputat kien laqtu f'idejh u f'wiċċu. Ix-hud spiċċa bil-punti u kellu stikka fuq wiċċu. (fol 39).

L-imputat qatt ma kellu ċavetta tar-remissa.

Ix-xhud qal li l-affarijiet li kellu neqsin mir-remissa kienu ġol-karozza tal-imputat. (fol 40).

Il-Qorti staqsiet:

***'X'rajt eżatt fuq wara tal-karozza?***

***Xhud: L-għata, kellu għata bluna u rajt ħafna imbarazz, fliexken u hekk.***

***Qorti: Imma inti tagħraf li kienu tiegħek dawn? Per eżempju, l-għata bluna li semmejt?***

***Xhud. U mhux tiegħi? Mela jiena xi iblah.***

***Qorti: Le. Imma trid tgħid kif għarafthom.***

***Xhud. Mhux tiegħi kienu? Jien ma rrid xejn minn għandu. Jagħtihomli u ma ġara xejn. Basta jagħtihomli għax biex tixtrihom jiswew ħafna flus. Huma kien hemm minnhom użati imma l-mediċina għolja hux.***

***Qorti: Il-mediċina rajtha fil-karozza?***

***Xhud: Iva.'***

L-imputat kien qallu beix imur iġib il-Pulizija u sakemm amr iġib il-Pulizija l-imputat leħaq telaq.

Fil-kontro-eżami x-xhud baqa' jinsisti li kien rahom wara. (fol 42). Huwa qal li kien hemm barmil iswed u barmil aħmar mimlijin bl-affarijiet.

L-imputat qatt ma kien ħallas tal-kera.

Il-bieb tar-remissa kien imsakkar iżda sabu sgassat. L-imputat ma daħalx minn quddiem iżda minn wara.

Ix-xhud qal li kien ra l-affarijiet ġol-bagoll għax kellu fuq wara miftuħ u dehru sew. (45). L-imputat kellu l-bramel mimlijin bl-affarijiet taż-żiemel. L-imputat kien ħadlu anke l-bramel.

Xehed it-tabib Dr Mark Rosso (fol 57). Huwa qal li Paul D'Amato kellu biċċa ġilda mtajra fuq in-naħa tas-sebgħa tan-nofs tal-id tal-lemin u hemm għamillu l-punti. Kellu ferita żgħira forma ta' toqba fuq in-naħa ta' barra tal-għajn ix-xellugija. Għat-tabib kienet superfiċjali u deherlu li ma kellux għalfejn tħalli scar. (fol 57). Il-ferita tal-id kienet ta' natura ħafifa. Din pero' tista' tibqa' marka.

**Xhieda Difiża**

L-imputat qal li huwa kien jagħti l-kera lil Paul Damato u dejjem kien qed isib l-affarijiet neqsin mill-garaxx tiegħu. Saħansitra kien mar jagħmel rapport l-għassa u l-uffiċjal kiteb kelmtjen fuq karta u xejn aktar.

Wara ftit bdew iġorru l-affarijiet minn ġol-garaxx. Kien mar Paul Damaot jgħajjat li l-imputat kien serqu. Paul Damato beda jgħidlu biex jiftaħ il-bagoll ta' wara u l-imputat beda jgħidlu li ma kellux għalfejn jiftaħ għax ma kien hemm xejn. Din kienet l-ewwel darba li qatt kellu inċident ma' Paul Damato.

Fil-kontro-eżami l-imputat inenga li kien ħa xi ħaġa lil Pual Damato. Huwa qal li kien wera l-affarijiet lil Paul Damato u kien fetaħlu 'l-injama ta' wara tal-bagoll.' Li kieku Paul Damato ma kienx mar għalih b'kanna tal-ħadid kieku ma kienx isuq. L-imputat qal li meta kien amr Paul Damato la kien sabu fil-garaxx tiegħu (ta' Paul Damato) u lanqas fil-garaxx li kien kera Paul Damato lill-imputat. Lill-imputat kien sabu fil-karozza. Huwa kien għamel tlitt ijiem ma jmurx jiffirma l-għassa għax kellu t-tifel l-isptar fl-ITU. L-Ispettur fejn kien jiffirma kien jaf li kellu t-tifel l-isptar. L-isptar daqqa kien joqgħod hu u daqqa kienet toqgħod il-mara.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

L-ewwel imputazzjoni kontra l-imputat hija dwar serq kwalifikat bil-vjolenza u bl-ammont. (262(a)(ċ), 262, 267, 284).

Ix-xhud ewlieni tal-Prosekuzzjoni kien l-allegat derubat li qalli ra xi bramel li kienu tiegħu stess (jiġifieri ta' Paul Damato) fil-karozza tal-imputat u li dawn kienu mimlijin bl-affarijiet li kellhom x'jaqsmu mal-kura u l-mantiment taż-żwiemel. Minkejja n-negazzjoni tal-imputat, il-Qorti ssib li x-xhieda li ta l-allegat derubat hija aktar attendibbli. L-imputat mhux biss instab fl-inħawi iżda b'affarijiet tal-allegat derubat stess. **Hawnhekk tgħodd bla dubju ta' xejn id-doctrine of recent possession**.

Biss il-Qorti qed tiddeċiedi li ma kinux ippuvati l-gravanti tal-vjolenza jew tal-valur. L-ewwelnett ebda sub-inċiż tal-artikolu 262 ma japplika għall-każ. Huwa tassew li kien hemm offiża fuq il-persuna iżda din saret **wara** s-serqa u mhux **waqt** is-serqa. Probabbli l-Prosekuzzjoni seta' kellha f'moħħha l-gravanti tal-mezz (minħabba l-isgass) iżda dan il-gravanti ma semmitux u għalhekk il-Qorti ma tistax tikkonsidrah.

Dwar il-valur, quddiem il-Qorti ma nġiebet ebda prova ta' kemm verament kienu jiswew l-affarijiet li naqsu. La kienu ppreżentati riċevuti u lanqas xi referenzi oħrjan li setgħu servew bħala prova biex jitfgħu dawl dwar l-ammont misruq.

Għalhekk il-Qorti mhix issib lill-imputat ħati tal-ewwel imputazzjoni kif dedotta iżda minflok qed issb lill-imputat ħati ta' serq sempliċi ai termini tal-artikolu 284 u 285 tal-Kap 9 liema reat huwa kompriż u involut fl-ewwel imputazzjoni.

Il-Qorti mhix qed tieħu konjizzjoni tat-tieni imputazzjoni li hija alternattiva għall-ewwel imputazzjoni u għalhekk qed tilliberah minnha.

Dwar it-tielet imputazzjoni – offiża gravi – bħala provi, il-Qorti għandha

(i) l-istqarrija tal-imputat fejn hu ma ċaħadx li kien uża s-serrieq tal-ġebel u
(ii) ix-xhieda ta' Paul Damato stess. Fil-fehma tal-Qorti l-Prosekuzzjoni ppruvat li dawn il-ġrieħi twettqu mill-imputat fuq il-persuna ta' Paul Damato.

Dawn il-feriti huma gravi għax hekk tikklassifikahom il-Liġi fl-artikolu 216(1)(b) tal-Kap 9. L-imputat spiċċa bil-feritia f'idejh u bi stikka ħdejn għajnejh u għalhekk dawn jaqgħu taħt:

'(b) jekk iġġib mankament jew sfreġju fil-wiċċ, fil-għonq jew f'waħda mill-idejn tal-offiż.'

Il-klassifikazzjoni jekk offiża hix gravi jew ħafifa tagħmilha l-Liġi u mhux it-Tabib.

Barra minn dan, għall-finijiet tal-artikolu 216(1) (b) m'hemmx bżonn li l-isfreġju jdum għal xi żmien bħalama donnu ried jindika l-imputat huwa u jixhed li ma kien jidher xejn meta xehed Paul Damato(28 ta' Mejju 2008 waqt li l-inċident ġara fil-21 ta' Mejju 2008). Iż-żmien indikat fil-paragrafu (d) tal-artikolu 216(1) m'għandu x'jaqsam xejn mal-artikolu 216(1)(b) li huwa paragrafu indipendenti.

Fl-aħħarnett, dwar din l-imputazzjoni, il-Qorti mhix konvinta mill-istorja tal-kanna li qal l-imputat. Għalhekk l-imputat ma kienx la ġustifikat u lanqas skużat għal dak li għamel.

Għalhekk il-Qorti qed issib lill-imputat ħati tat-tielet imputazzjoni.

**Konklużjoni.**

Il-Qorti, wara li rat l-artikoli 17(b), 262(a)(ċ), 262, 267, 284, 285, 334(a), 216(1)(b) tal-Kap 9 qed issib lill-imputat mhux ħati tal-ewwel imputazzjoni kif dedotta iżda minflok qed issibu ħati ta' serq sempliċi, reat li huwa kompriż u involut fl-ewwel imputazzjoni, mhix tieħu konjizzjoni tat-tieni imputazzjoni għaliex din hija alternattiva għall-ewwel imptuazzjoni u qed issib lill-imputat ħati tat-tielet imputazzjoni kif dedotta u qed tikkundannah għal piena ta' erba' xhur priġunerija.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------